# Il-Wirt Arkeoloġiku
## *fl-Inħawi tal-Gudja*

Illum ħsibna li tkun ħaġa wisq tajba li nġibu għall-attenzjoni tal-qarrejja ta' dan il-programm rapport informattiv ħafna li l-Professur Anthony Bonanno B.A. (Hons.), D. Litt, Ph. D., kien għamel xi snin ilu waqt ċerimonja biex jiġi mfakkar Jum il-Gudja, attività li kienet imtellgħa mill-Kunsill Lokali. F'isem dawk li ma kellhomx l-okkażjoni li jisimgħu dak li kellu xi jgħid il-Professur, aħna nirringrazzjawh talli tana l-permess li nxandru dan l-istudju tiegħu.

Il-Professur Bonanno beda biex ta spjega fil-qosor ta' x'nifhmu bil-kelma arkeoloġija. Huwa qal li l-**arkeoloġija** hija t-tiftix u l-istudju ta' fdalijiet materjali tal-passat antik, waqt li min-naħa l-oħra x-xogħol ta' l-**arkeologu** huwa dak li jfittex u jistudja l-wirt arkeoloġiku.

Il-maġġoranza tal-fdalijiet megalitiċi ta' l-istorja ta' Malta, it-tempji tal-ħaġar tal-qedem bħal Ħaġar Qim, u l-Ġgantija, qatt ma kienu mgħottija jew mirduma bil-ħamrija, u l-ftit ħamrija li kellhom tneħħiet mingħajr wisq tbatija fis-seklu dsatax. Għaldaqstant nistgħu nsejħu lil dawn is-sejbiet bħala l-fdalijiet ta' 'l fuq mill-art. B'hekk, l-arkeologu sabhom lesti għall-attenzjoni tiegħu.



Xogħol ieħor ta' l-arkeologu huwa li jfittex ukoll taħt l-art biex jiskopri. Huwa ma jaqbadx u jħaffer bl-addoċċ; ħafna drabi jkun irid jagħmel studju profond, jgħaqqad ħaġa m'oħra, jistudja minn fuq kotba jew tradizzjonijiet kif ukoll minn x'jingħad mill-poplu ta' x'jeżisti fl-inħawi. Il-Professur Bonanno kompla jispjega kif it-teknika ta' żmien il-gwerra tista' tiġi wżata għal tiftix arkeoloġiku, bħal, per eżempju, strument li ġie żviluppat mit-teknika tal-gwerra. Ir-*reconnaisance* mill-ajru, permezz ta' ritratti mill-ajru, jista' jagħtina ħjiel ta' x'jeżisti taħt l-art. Ħafna drabi l-fdalijiet taħt l-art jagħmlu differenza fl-intensità tal-kulur tal-ħaxix li jikber fuqhom.



Il-Professur Bonanno għamel referenza għal dawk il-ġebliet imdaqqsin li naraw f'Dawret il-Gudja hekk kif wieħed ikun ġej min ħdejn ir-*round about* ta' l-*Airport* tal-Gudja, qabel jaqbad it-triq għaċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa. Ħafna jirreferu għal dak il-ġebel kbir bħala l-Menħir, iżda dan m'hu Menħir xejn, għaliex, skond il-Professur, Menħir huwa ġeneralment ġebla wieqfa iżolata u mhux imdawra b'ġebel kbir ieħor; għaldaqstant dawk it-tliet ġebliet li baqa' f'Dawret il-Gudja aktarx li kienu parti minn tempju li ma baqax jeżisti. Però, sostna l-professur, biex wieħed jaċċerta ruħu dwar jekk hux veru hemm tempju jew le, irid isir it-tħaffir arkeoloġiku.

### Torrijiet Rumani

Fl-inħawi ta' bejn il-Gudja u Birżebbuġa hemm ukol fdalijiet ta' żewġ monumenti arkeoloġiċi ta' importanza kbira li nsibuhom bħala t-Torrijiet Rumani. Matul iż-żminijiet Punici u Rumani, Malta kellha importanza strateġika kbira



ħafna fi żminijiet meta kien hemm gwerer bejn żewġ potenzi, l-ewwel bejn il-Feniċi u l-Griegi, u wara bejn ir-Rumani u l-Kartaġiniżi. Kien għalhekk li nħass il-bżonn ta' torrijiet bħal dawn, imma meta Malta saret parti mill-Imperu Ruman u magħha saret ukoll Sqallija u l-gżejjer kollha fil-Mediterran, Malta tilfet l-importanza strateġika tagħha u ma baqgħetx daqstant importanti u ma kienx hemm bżonn aktar dawn it-torrijiet difensivi. Uħud minnhom, bħal dak Ta' Ġawhar, ingħataw għall-abitazzjoni.

## Żmien l-Ewwel Insara

Fit-taħdita tiegħu l-Prof. Bonanno ħadna fiż-żminijiet waħħarin ta' l-Imperu Ruman, jew żmien l-ewwel insara. Fl-inħawi tal-Gudja nsibu wkoll fdalijiet ta' dawk iż-żminijiet, bħall-katakombi ta' Ħal Resqun. Dawn il-katakombi huma ta' importanza kbira u huma magħrufa saħansitra min-nies esperti barranin. Sfortunatament dawn il-katakombi m'humiex viżibbli.

F'dawn il-katakombi wieħed isib dik il-mejda magħrufa bħala l-*Mensa* jew *triclinium*, li kienet tintuża biex issir ikla f'ġieħ il-mejtin. Din id-drawwa m'għadhiex teżisti fostna iżda għadha teżisti fi drawwiet ta' popli oħra.

Kien biss fl-ewwel żminijiet tal-kristjaneżmu f'Malta li kienu jipprattikaw din l-użanza.

L-iktar ħaġa importanti f'dawn il-katakombi hija l-iskultura mnaqqxa fihom. Fi stil pjuttost primittiv, ix-xena turi l-ħolqien tal-bniedem u ta' l-annimali.

## Il-Medjuevu

Fil-Gudja hawn ukoll il-knisja li kienet il-parroċċa antika tal-Gudja u tal-madwar, magħrufa bħala ta' San Marija ta' Bir Miftuħ. L-arkeoloġija f'dan il-post m'hemmx għalfejn tfittixha għax qiegħda fil-wiċċ.

Jekk wieħed imur idur dawra mal-knisja jsib li fuq in-naħa ta' wara u mal-ġenb il-knisja kienet ħafna ikbar. Din kienet testendi mill-inqas xi ħnejja jew tnejn oħra u hemm traċċi ta' bieb li huwa maqtugħ min-nofs mix-xewka tan-naħa ta' wara tal-knisja. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn l-art isib li għad hemm sisien ta' knisja akbar.

Dwar il-knisja ta' Loretu l-Professur Bonanno stqarr li s'issa għadna ma nafux x'tostor din il-knisja iżda jaħseb li madwarha u taħtha jista' jkun hemm ħafna patrimonju arkeoloġiku potenzjali. Skond il-Professur Bonanno, dan għadu mistur taħt l-art u jrid jgħaddi ż-żmien biex niskopruh.

Il-Professur spiċċa t-taħdita tiegħu billi appella biex nieħdu ħsieb il-patrimonju arkeoloġiku għaliex jekk neqirduh uliedna jisħtuna.

